



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 17.8.2011
KUMM(2011) 491 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/026 PT/Rohde mill-Portugall)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, bil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun 'il fuq mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontributi mill-FEG huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fis-26 ta' Novembru 2010, il-Portugall ressaq l-applikazzjoni EGF/2010/026 PT/Rohde għal kontribut finanzjarju mill-FEG, wara li ngħataw xi sensji f'Rohde Sociedade Industrial de Calçado Luso-Alemã, Lda ("Rohde") fil-Portugall.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li l-kundizzjonijiet għal kontribut finanzjarju skont dan ir-Regolament huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI U ANALIŻI

Dejta ewlenija:	
Nru ta' Referenza tal-FEG	EGF/2010/026
Stat Membru	Il-Portugall
Artikolu 2	(a)
Intrapriża primarja	Rohde - Sociedade Industrial de Calçado Luso-Alemã, Lda.
Fornituri u produttori fl-istadju aħħari ta' produzzjoni	0
Perjodu ta' referenza	19.05.2010 – 19.09.2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	20.05.2010
Data tal-applikazzjoni	26.11.2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	974
Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza	0
Sensji totali eliġibbli	974
Ħaddiema li ngħataw is-sensja u li huma identifikati għall-għajnuna	680
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	2 135 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG ³ (EUR)	95 000
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG (%)	4,26
Baġit totali (EUR)	2 230 000
Kontribut tal-FEG (65 %) (EUR)	1 449 500

1. L-applikazzjoni kienet ippreżentata lill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2010 u kienet appoġġata b'informazzjoni addizzjonali sad-19 ta' Mejju 2011.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-użu tal-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u tressqet fi żmien il-perjodu ta' skadenza ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali ewlenin fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex jistabbilixxi r-rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Portugall jisħaq li l-industriji tal-ħwejjeġ u taż-żraben kienu milquta tassew ħażin mill-kriżi. Dawn is-setturi huma vulnerabbli ħafna għall-fatturi esterni bħal pereżempju t-tnaqqis fil-kapaċità tal-akkwist tal-konsumaturi. Ir-riċessjoni ekonomika kellha impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol, il-livelli tal-qgħad żdiedu, u dan affettwa l-fiduċja tal-konsumatur. Għalhekk, l-industriji tal-manifattura kellhom tnaqqis kbir f'daqqa fil-bejgħ u l-produzzjoni. L-awtoritajiet Portugiżi jirrappurtaw li l-Portugall irreġistra tnaqqis fil-PDG matul l-aħħar sitt xhur tal-2008 u fl-2009 (tnaqqis ta' 4 % skont il-Banco de Portugal). L-industriji tal-ħwejjeġ u taż-żraben irreġistraw tnaqqis fl-esportazzjonijiet (EUR 24 miljun għall-ħwejjeġ, EUR 6 miljun għaż-żraben). L-esportazzjonijiet taż-żraben Portugiżi fl-2009 naqsu għal EUR 1 207 miljun, li jirrappreżenta 6,4 % inqas minn dawk tas-sena ta' qabel.
4. Il-kumpanija Rohde żammet pożizzjoni stabbli fis-suq minkejja d-diffikultajiet dejjem jżdiedu minħabba ż-żieda fil-kompetizzjoni, minħabba li ċ-Ċina saret mexxej dinji fis-settur u minħabba li l-importanza tal-Vjetnam, l-Indja u l-Indoneżja dejjem qed tiżdied. Madankollu, is-sitwazzjoni ta' Rohde kienet affettwata mit-tnaqqis fil-bejgħ, u l-pożizzjoni ta' Rohde fis-suq Ewropew iddeterjorat. Bħala riżultat tal-kriżi u l-kapaċità mnaqqsa għall-investment, l-intrapriża ewlenija bbażata fi Schwalmstadt, il-Ġermanja, fl-aħħar falliet.
5. Il-Grupp Rohde mbagħad sar is-suġġett ta' pjan ta' rkupru. il-kumpanija nxtrat minn impriża konġunta bejn Square Four u l-bank Morgan Stanley Merchant biex jippruvaw isalvaw lil Rohde u l-livell ta' produzzjoni tiegħu. Kien ipplanat li l-fabbrika fil-Portugall tibqa' tipproduċi. Madankollu, fl-aħħar il-grupp naqas fid-daqs b'mod sostanzjali. Dawn iċ-ċirkostanzi, inklużi l-ordnijiet dejjem jonqsu mill-intrapriża ewlenija, affettwaw is-sitwazzjoni tal-fabbrika Rohde bbażata f'Santa Maria da Feira, il-Portugall, u bħala riżultat, f'Settembru 2009 bdew il-proċedimenti tal-falliment, u dawn wasslu għall-għeluq tal-fabbrika u s-sensja tal-ħaddiema.

Turija tal-għadd tas-sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

6. Il-Portugall ressaq din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja tul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li ngħataw is-sensja mill-fornituri tagħha jew mill-produtturi involuti fl-istadju aħħari ta' produzzjoni.
7. L-applikazzjoni tikkwota 974⁴ sensja f'Rohde matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mid-19 ta' Mejju 2010 sad-19 ta' Settembru 2010. Dawn is-sensji kollha ġew

⁴ L-awtoritajiet Portugiżi spjegaw li s-sensji kienu jikkonċernaw 983 ħaddiem fil-perjodu ta' referenza, iżda diġha minnhom ma rreġistrawx f'Ċentri tal-Impjegi u għalhekk mhumiex eliġibbli għall-inklużjoni f'din l-applikazzjoni.

ikkalkulati skont it-tieni inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhux prevista ta' dawk is-sensji

8. L-awtoritajiet Portugiżi jsostnu li l-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-impatt tagħha ma setgħux jiġu previsti. Is-sensji f'Rohde ma kinux mistennija minkejja li l-kumpanija kienet qed tiffaċċja diffikultajiet li bil-mod il-mod kienu qed jiżdedu minħabba ż-żieda fil-kompetizzjoni, it-tkabbir suċċessiv fl-importazzjonijiet u t-tnaqqis fil-konsum. L-intrapriża kienet f'pożizzjoni stabbli fis-suq sakemm dan iddgħajjef mill-kriżi. Barra minn hekk, il-falliment tal-kumpanija ewlenija fil-Ġermanja fil-bidu ma kienx meqjus bħala periklu sinifikanti, billi l-kumpanija kienet is-suġġett ta' pjan ta' rkupru fl-2008/09.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema identifikati għall-għajnuna

9. L-applikazzjoni ssemmi total ta' 974 sensja f'Rohde matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur. Minn dan it-total, 680 huma identifikati għall-għajnuna: l-awtoritajiet Portugiżi jikkalkolaw li madwar 70 % tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja se jieħdu sehem fil-miżuri kofinanzjati mill-FEG, filwaqt li l-oħrajn se jsibu impjeg ieħor, jew jivvjaġġaw barra mill-pajjiż, jirtiraw jew jieħdu sehem f'miżuri oħrajn li jikkomplementaw dawk li huma kofinanzjati mill-FEG.

10. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Perċentwal
Irġiel	88	13,00
Nisa	592	87,00
Ċittadini tal-UE	680	100,00
Ċittadini barra l-UE	0	0,00
Età bejn il-15 u l-24 sena	1	0,15
Minn 25 sa 54 sena	632	92,94
Minn 55 sa 64 sena	45	6,62
Aktar minn 64 sena	2	0,29

Għandu jiġi nnotat li 78,5 % ta' dawn il-ħaddiema ma lestewx l-edukazzjoni primarja (disa' snin ta' skola), filwaqt li 17,8 % biss lestew l-edukazzjoni primarja u 1,2 % lestew l-edukazzjoni sekondarja. Hemm 7 ħaddiema inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq li għandhom problema tas-saħħa jew diżabbiltà fit-tul.

11. Fir-rigward ta' kategoriji ta' xogħol, it-tqassim huwa kif ġej:

Kategorija	Numru	Perċentwal
Leġiżlaturi, uffiċjali għolja u maniġers	2	0,29
Professjonisti	1	0,15
Teknixins u professjonisti assoċjati	17	2,50
Skrivani	34	5,00
Ħaddiema fis-servizzi u ħaddiema fil-bejgħ fil-ħwienet u fis-swieq	3	0,44
Ħaddiema tas-sengħa u dawk involuti fi snajja' relatati	537	78,97
Operaturi tal-impjanti u tal-magni u dawk	20	2,94

li jimmuntaw		
Xogħlijiet elementari	66	9,71

12. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Portugall ikkonferma li ġiet applikata, u se tkompli tiġi applikata, politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll politika ta' nondiskriminazzjoni matul l-istadji varji tal-implimentazzjoni tal-FEG u, b'mod partikolari, għall-aċċess fl-FEG.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u l-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

13. Ir-territorju kkonċernat huwa prinċipalment il-muniċipalitá ta' Santa Maria Da Feira fejn ġie stabbilit Rohde. Madankollu s-sensji affettwaw ukoll il-muniċipalitá kontigwa ta' Ovar. Dawn jinsabu rispettivament fi ħdan żewġ reġjuni tan-NUTS II: Norte u Centro.
14. Norte huwa r-reġjun bl-aktar popolazzjoni densa fil-Portugall u l-aktar wieħed industrijalizzat tal-pajjiż, b'konċentrazzjoni għolja ta' industriji tradizzjonali (tessuti, ħwejjeġ, żraben, injam), filwaqt li s-settur tas-servizzi qed jiżviluppa dan l-aħħar ukoll. F'dawn is-setturi kollha, hemm predominanza ta' intrapriżi żgħira u medji. Ir-reġjun għadu jbati minn bażi baxxa tal-edukazzjoni, li taffettwa partikolarment lill-ġenerazzjoni akbar fiż-żmien, u minn qgħad fuq żmien twil.
15. Centro huwa reġjun li għandu densità tal-popolazzjoni baxxa u żbilanċi demografiċi kbar li prinċipalment huma r-riżultat ta' depopolazzjoni kontinwa u t-tkabbir fl-etá progressiv tal-popolazzjoni. L-istruttura produttiva hija diversifikata, iżda l-industrija hija ddominata minn speċjalizzazzjonijiet produttivi tradizzjonali. Bħar-reġjun Norte, Centro għandu livell baxx ta' edukazzjoni. Il-qgħad sar problema minħabba r-rigressjoni fis-setturi industrijali primarji u tradizzjonali.
16. Iż-żewġ reġjuni għandhom struttura tal-impjiegi vulnerabbli u l-problema tal-kwalifiki baxxi tal-forza tax-xogħol, kontra l-pagi baxxi, u l-impjieg prekarju.
17. Il-partijiet interessati ewlenin huma l-Instituto do Emprego e Formacao Profissional (IEFP, I.P.) li hija istituzzjoni amministrattiva pubblika b'ċentri tal-impjiegi deċentralizzati u ċentri tat-taħriġ vokazzjonali, l-imsieħba soċjali (l-organizzazzjonijiet ta' min jimpjega jinkludu l-Assoċjazzjoni Portugiża taż-Żraben, il-Komponenti u l-Oġġetti tal-Ġilda u l-fergħat tagħhom; l-istrutturi tat-trejdjunjins jinkludu l-Federazzjoni tal-Għaqdiet tal-Ħaddiema tat-Tessuti, tal-Prodotti tal-Injam, tal-Ħwejjeġ, taż-Żraben u tal-Ġilda tal-Portugall). Il-muniċipalitajiet u l-assoċjazzjonijiet tagħhom (l-aktar taż-Żona Metropolitana ta' Porto), l-Universitajiet u l-Istituti Politekniċi u ċ-Ċentru Teknoloġiku taż-Żraben għandhom rwol importanti wkoll.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

18. Skont l-Istitut Nazzjonali tal-Istatistika (INE) il-livell tal-qgħad fil-Portugall fl-aħħar tliet xhur tal-2010 kien 10,9 % li huwa 1,1 % oġhla minn dak tal-istess perjodu tal-2009. Ir-rata tal-qgħad fir-reġjun Norte żdied minn 11,6 % fit-tliet xhur ta' qabel tal-aħħar tal-2009 sa 13,2 % fl-istess perjodu tal-2010 u kienet l-oġhla rata tal-qgħad fil-pajjiż. Fir-reġjun Centro kien hemm żieda żgħira fir-rata tal-qgħad (minn 7,2 % sa 7,4 % fl-istess perjodu bħal dak imsemmi hawn fuq).

Fil-municipalit  ta' Santa Maria da Feira, fejn ġie stabbilit Rohde, ir-rata tal-qgħad kienet l-ogħla fir-reġjun tan-NUTS III Entre Douro e Vouga. Fil-municipalit  ta' Ovar fir-reġjun Centro, ir-rati tal-qgħad huma ogħla mill-medja nazzjonali.

F'dan il-kuntest, l-impatt dirett tal-ġheluq ta' Rohde kien is-sensja ta' madwar 980 ħaddiem, u dan affettwa ħafna lil dawn il-muniċipalitajiet li diġ  kellhom rati tal-qgħad ogħla mill-medja nazzjonali.

19. L-awtoritajiet Portugiżi rrappurtaw li l-popolazzjoni mingħajr impjeg tas-setturi l-aktar tradizzjonali, inkluża dik taż-żraben, għandhom livelli baxxi ħafna tal-edukazzjoni u għalhekk huwa aktar diffiċli għalihom li jagħmlu taħriġ ieħor għal attivitajiet oħrajn.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati tiegħu, inkluża l-komplementarjet  tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

20. Qed jiġu proposti t-tipi ta' miżuri li ġejjin, li flimkien jagħmlu pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.
 - (1) Gwida u informazzjoni: L-azzjonijiet ta' informazzjoni jikkonsistu fl-aġġornament tal-benefiċjarji potenzjali kollha dwar il-miżuri disponibbli, it-tkegġiġ tal-ħaddiema biex jieħdu sehem b'mod attiv fihom, il-provvista ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol, kif ukoll l-istabbiliment u l-adattament tal-Pjanijiet Personali tal-Impjeggi rispettivi tagħhom li għandhom jiddeskrivu l-miżuri li l-ħaddiema beħsiebhom jieħdu sehem fihom. Dan l-istabbiliment tal-profilu se jitwettaq miċ-Ċentri tal-Impjeggi u mhuwiex kofinanzjat mill-FEG. Huwa mistenni li 250 mill-ħaddiema identifikati se jkomplu jsewju sessjonijiet ta' gwida aktar kumplessi. Dawn se jħeġġu lill-ħaddiema biex jieħdu taħriġ vokazzjonali, ibiddlu mill-ġdid ix-xogħol tagħhom u jagħmlu żvilupp personali inklużi l-promozzjoni tal-istima personali u t-teknika għat-tfittxija ta' impjeg. Matul dawn l-azzjonijiet, il-ħaddiema se jirċievu konċessjonijiet għall-ikel u għat-trasport.
 - (2) Ir-rikonossiment, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi. Bl-għajjnuna taċ-Ċentri tal-Opportunitajiet Ġodda (NOC) rikonossuti, il-ħaddiema se jidentifikaw l-għarfien u l-ħiliet miksuba matul ħajjithom f'kuntesti formali u informali. Matul is-sessjonijiet individwali u fi gruppi, flimkien ma' għalliema professjonisti, il-ħaddiema se jħejju portafoll li jkun fih l-evidenza tal-proċess ta' taġlim tagħhom. Se jiġu organizzati panils speċjali għal dawk il-ħaddiema li jkollhom bżonn ħiliet speċifiċi sabiex jiksbu ċertifikat tal-iskola jew ċertifikat vokazzjonali. L-NOC se jiġu promossi miċ-Ċentri tat-Taħriġ Vokazzjonali b'Amministrazzjoni Konġunta.
 - (3) It-Taħriġ Vokazzjonali: Il-ħaddiema se jirċievu t-taħriġ li huwa l-aktar adattat għal-livelli tal-edukazzjoni u tal-ħiliet tagħhom, u dan se jgħinlihom sabiex jergġu jintegraw malajr fix-xogħol. Se jkun hemm korsijiet ta' taħriġ għall-adulti li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni doppja (edukattiva u vokazzjonali), xi wħud se jingħataw fuq bażi modulari (taħriġ flessibbli organizzat f'unitajiet ta' taħriġ fuq żmien qasir, ippreżentati fil-parametri referenzjarji tal-Katalgu Nazzjonali tal-Kwalifiki) u xi wħud se jikkonsistu f'taħriġ speċifiku, adattat għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol (azzjonijiet mhux inklużi fil-Katalgu Nazzjonali tal-Kwalifiki). Il-korsijiet tat-taħriġ se

jingħataw miċ-Ċentri tat-Taħriġ Vokazzjonali u entitajiet oħra ta' kompetenza rikonoxxuta identifikati mill-IEFP. Se jingħataw konċessjonijiet għat-taħriġ, l-ikel, it-trasport, l-assigurazzjoni personali kontra l-inċidenti u l-akkomodazzjoni b'limiti u kundizzjonijiet stretti.

- (4) Għotja għat-taħriġ fuq inizzjattiva personali: Din għandha tippermetti lill-ħaddiema jieħdu sehem f'korsijiet xierqa tat-taħriġ, miftiehma magħhom bħala parti mill-pjan personali ta' impjeg tagħhom, u li jingħataw minn istituzzjonijiet rikonoxxuti tat-taħriġ. Il-parteċipanti ta' din il-forma ta' taħriġ se jiġu offruti għotja taħt kundizzjonijiet stretti. Dawn jistgħu jmorru għal aktar minn kors wieħed, konsekuttivament jew simultanjament, b'kundizzjoni li jibqgħu fil-limiti stabbiliti.
 - (5) Appoġġ għas-sejba ta' impjeg mill-persuna nnifisha: Din hija għotja mogħtija lill-ħaddiema li, matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pakkett tal-FEG, isibu impjeg ġdid b'kuntratt indefinit jew b'kuntratt għal mill-inqas sitt xhur. L-ammont ivarja skont it-tul tal-kuntratt offrut, u jista' jiżded jekk il-post tax-xogħol ikun aktar minn 100 km 'il bogħod mill-post fejn joqgħod il-ħaddiem.
 - (6) Inċentiv għar-reklutaġġ: Sabiex jiġi stimulat il-ħolqien ta' impjegi ġodda, jista' jiġi allokat appoġġ finanzjarju lill-entitajiet li jħaddmu li jiffirmaw kuntratti full-time ma' ħaddiem benefiċjarju tal-FEG. It-tul minimu tal-kuntratt għandu jkun ta' 12-il xahar, u jingħata inċentiv akbar lil dawk li jimpjegaw ħaddiema b'kuntratti ta' tul indefinit.
 - (7) Appoġġ imprenditorjali: Għal dawk il-ħaddiema li jixtiequ joħolqu n-negozji tagħhom, se jiġi organizzat taħriġ fl-għarfien u l-kompetenzi speċifiċi għall-ħolqien u l-ġestjoni ta' negozji żgħar. L-attendenza għat-taħriġ hija obligatorja qabel tinħareġ id-deċiżjoni għall-appoġġ tal-ħolqien tan-negozju, ħliet f'każijiet fejn ikun hemm diġà taħriġ jew esperjenza rilevanti kkonfermata. L-appoġġ tekniku lill-proġett jinkludi attivitajiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tal-innovazzjoni kummerċjali, it-tħejjija tal-pjan tan-negozju, it-twaqqif tal-kumpanija u s-segwitu tal-proġett matul l-ewwel sena tat-tħaddim tagħha.
 - (8) Appoġġ għal min jiftaħ negozju: Il-ħaddiema se jiġu meġhuna b'sussidju mhux rimborsabbli ta' EUR 20 000 għal kull impjeg maħluq, inkluż dak tal-promotur, sa massimu ta' tlieta. L-impjegi maħluqa għandhom jimtlew minn benefiċjarji tal-FEG, jew minn persuni qiegħda fiċ-ċentri tal-impjegi tar-reġjun, u għandhom ikunu full-time b'tul minimu ta' sentejn. Se jingħataw konċessjonijiet għall-ikel, it-trasport u l-assigurazzjoni personali kontra l-inċidenti b'limiti u kundizzjonijiet stretti.
 - (9) Pjan ta' integrazzjoni: Dan se jipprovdi lill-ħaddiema esperjenza tax-xogħol ta' mill-inqas 30 siegħa kull ġimgħa matul perjodu ta' minn sitta sa 12-il xahar. L-għan huwa li dawn il-ħaddiema ma jitilfux il-kuntatt mal-ħaddiema l-oħra, ma jkunux iżolati u ma tonqsilhomx il-motivazzjoni, u jieħdu l-opportunità biex jakkwistaw għarfien u ħliet ġodda u għalhekk itejbu l-impjegabilità tagħhom wara l-perjodu ta' integrazzjoni. Il-ħaddiema se jitqiegħdu ma' entitajiet li jħaddmu u li ma jagħmlux profitt għal perjodu limitat; dan jintitolahom għal konċessjonijiet għall-ikel u t-trasport, l-assigurazzjoni u sussidju kull xahar minflok il-paga.
21. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG, li hija inklużi fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni u kontroll kif ukoll ta' informazzjoni u pubbliċità.

22. Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Portugiżi huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli kif iddefiniti bl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Portugiżi jistmaw li l-ispejjeż totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 2 135 000 u li n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG hija ta' EUR 95 000 (4,26 % tal-ammont totali). Il-kontribut totali mitlub mill-FEG huwa ta' EUR 1 449 500 (65 % tal-ispejjeż totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema identifikati	Kost stmat għal kull ħaddiem identifikat (EUR)	Kosti totali (l-FEG u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)
Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Gwida u informazzjoni	250	160	40 000
Ir-rikonoxximent, il-validazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi	250	640	160 000
It-Tahriġ Vokazzjonali	150	6 000	900 000
Għotja għat-taħriġ fuq inizjattiva personali	20	4 000	80 000
Appoġġ għas-sejba ta' impjeg mill-persuna nnifisha	80	1 000	80 000
Inċentiv għar-reklutaġġ	50	2 300	115 000
Appoġġ imprenditorjali	30	2 000	60 000
Appoġġ għal min jiftaħ negozju	20	20 000	400 000
Pjan ta' integrazzjoni	100	3 000	300 000
Subtotal tas-servizzi personalizzati			2 135 000
Nefqa fuq l-implimentazzjoni tal-FEG (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet ta' tħejjija			2 000
Amministrazzjoni			90 000
Informazzjoni u pubbliċità			2 000
Attivitajiet ta' kontroll			1 000
Subtotal tan-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG			95 000

Total tal-kosti stmati		2 230 000
Kontribut tal-FEG (65 % tal-kosti totali)		1 449 500

23. Il-Portugall jikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Il-Portugall se jiżgura wkoll intraċċjar ċar ta' verifika għall-attivitajiet iffinanzjati mill-FEG, u jikkonferma li mhux se jintalab jew jintuża finanzjament ieħor tal-UE għal dawn l-attivitajiet.

Id-data/dati meta bdew jew meta huwa maħsub li jibdew is-servizzi personalizzati lill-ħaddiema affettwati

24. Fl-20 ta' Mejju 2010, il-Portugall beda s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati u inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-FEG għall-kofinanzjament. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajjnuna li tista' tingħata mill-FEG.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali

25. L-applikazzjoni tal-FEG tressqet fil-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi tal-IEFP, I.P. fid-29 ta' Novembru 2010. L-IEFP, I.P. li huwa wkoll l-Awtorità tal-Ġestjoni u tal-Flas għall-FEG fil-Portugall, huwa korp magħmul minn tliet entitajiet.
26. L-awtoritajiet Portugiżi kkonfermaw li r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE li jikkonċernaw is-sensji kollettivi ġew issodisfati.

Informazzjoni dwar azzjonijiet li huma obligatorji skont il-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi

27. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Portugiżi fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribut finanzjarju mill-FEG ma jiħux post il-miżuri li huma r-responsabbiltà tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
 - urew bil-provi li l-azzjonijiet jipprovdu appoġġ għall-ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturazzjoni ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-UE.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

28. Il-Portugall innotifika lill-Kummissjoni li l-kontribut finanzjarju se jitmexxa u jiġi kkontrollat mill-Instituto do Emprego e Formação Profissional, I.P., is-servizz pubbliku tal-impjieg. L-amministrazzjoni globali ssir mid-Dipartiment tal-Impjieg, u bl-għajjnuna tad-Dipartiment għat-Taħriġ Vokazzjonali, id-Dipartiment tal-Kontroll Finanzjarju u Amministrattiv u d-Delegazzjonijiet Reġjonali tar-reġjuni Norte u Centro. Il-ġestjoni finanzjarja ġenerali se tkun f'idejn id-Dipartiment ta' Kontroll Finanzjarju u Amministrattiv. L-approvazzjoni u l-ħlas tal-għajjnuna huma r-responsabbiltà tad-Delegazzjonijiet Reġjonali tar-reġjuni Norte u Centro. Iċ-Ċentri

tal-Impjiegi u l-Entitajiet Sħab, l-aktar iċ-Ċentri tat-Taħriġ Vokazzjonali Konġunti tal-muniċipalitajiet l-aktar affettwati se jkunu qed iwettqu l-biċċa l-kbira tal-miżuri attivi. Il-Portugall ikkonferma li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet fost u fi ħdan l-entitajiet rilevanti se jiġi rispettat.

L-Instituto de Gestão do Fundo Social Europeu (IGFSE, I.P.), l-Istitut tal-Ġestjoni tal-Fond Soċjali Ewropew, se jkunu responsabbli għall-verifika u l-kontroll fir-rigward ta' din l-applikazzjoni tal-FEG.

Finanzjament

29. Fuq il-bażi tal-applikazzjoni mill-Portugall, il-kontribut propost mill-FEG għall-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati (inkluża n-nefqa biex jiġi implimentat il-FEG) huwa ta' EUR 1 449 500, li jirrappreżenta 65 % tal-kost totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Portugall.
30. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribut finanzjarju mill-FEG skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll tal-ambitu tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokat skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
31. L-ammont propost ta' kontribut finanzjarju jippermetti li aktar minn 25 % tal-ammont annwali massimu allokati għall-FEG jibqa' disponibbli biex ikun allokati matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif stipulat fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
32. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-FEG, il-Kummissjoni qiegħda tnedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ ferġhat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-FEG u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġhat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex f'livell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ ferġhat tal-awtorità baġitarja, għandha tissejjaħ laqgħa formali ta' trijalogu.
33. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2011 iddaħħal approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenji, kif jitlob il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet għall-ħlas

34. Il-baġit emendatorju 2/2011 żied il-linga baġitarja tal-FEG 04.0501 b'EUR 50 000 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlas. Appropriazzjonijiet minn din il-linja baġitarja se jintużaw biex ikopru l-ammont ta' EUR 1 449 500 meħtieġ għal din l-applikazzjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/026 PT/Rohde mill-Portugall)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda⁵, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea⁷,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat ta' bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet kummerċjali dinjija minħabba l-globalizzazzjoni u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet ippreżentati mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fi ħdan il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Portugall ressaq applikazzjoni biex jimmobilizza l-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Rohde fis-26 ta' Novembru 2010 u appoġġaha b'informazzjoni addizzjonali sad-19 ta' Mejju 2011. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontributi finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament

⁵ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁶ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁷ ĠU C [...], [...], p. [...].

(KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 1 449 500.

- (5) L-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribut finanzjarju għall-applikazzjoni mressqa mill-Portugall.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 449 500 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' ħlas.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [Brussell/Strasburgu],

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President